**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 72

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 72 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2023, fil-4:00pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 5 ta' Diċembru, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

**Membri Preżenti:**

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier

**Online**

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

**Skużati**

- Anthony Delia — Kunsillier

**Assenti**

- Mary Borg — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-16.00.

**72.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill rċieva ittra ta'apoloġija mill-kunsillier Anthony Delia.

**72.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (71)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa b'urġenza 71 bil-Kunsillier Stephen Cremona jissekonda l-mozzjoni. Il-minuti ġew approvati nem.con kif tressqu.

**72.3 Punti mill-Minuti**

- ***PA4577/22 Amazonia Beach Club** – 28/11/2023.*

  *L-applikant ippreżenta pjanti ġodda li juru li taħt il-bankina pubblika se jibqa ntatt. Ll-applikazzjoni ġiet approvata fil-5 ta' Diċembru 2023.*

- ***Proġett – Kids park/Ġnien fi Triq Cassarino***

  *Wara li l-kunsill kien qabel li b'mod temporanju jinżammu 15% mit-tielet pagament ġie deċiż li jinżammu 15% oħra mir-raba pagament ukoll. Dan fid-dawl li għad jonqsu jsiru xi xogħolijiet skond dak miftiehem.*

- ***Proġett – Kids park/Ġnien fi Triq Toni Camilleri, Burmarrad***

  *Għajr għat-tranġar ta' ħajt u l-pavimentar, prattikament ma sar l-ebda progress dan minkejja li nżammet laqgħa mal-kuntrattur risponsabbli mix-xogħolijiet. Issemma, li l-istess kuntrattur rebaħ lot 1 u 2 tat-tender. Għaldaqstant il-kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku jingħataw il-fakulta'li jmexxu skond kif meħtieġ biex il-proġett jitlesta nkluż li jingħataw direct orders.*

- ***Ikla ta' kull Sena***

  *L-ikla se tinżamm is-Sibt 30 ta' Diċembru 2023 f'12.00 hrs.*

Il-kunsill approva nem.con.

**72.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Kont pendenti ARMS – Meter 1483734** (Żona Wignacourt Tower)

Dwar kont pendenti li tħalla għal snin kbar, inżammet laqgħa bejn l-avukat ta' l-ARMS Ltd, is-Sindku Alfred Grima u l-avukat tal-kunsill, fejn intlaħaq kompromess li l-kunsill iħallas €433.69 minflok €6,654.33 bħala full and final settlement.

**Proġett - Ġnien Erba Imwieżeb**

Inżammu laqgħat bejn is-Segretarju Eżekuttiv Marico Sammut, is-Sindku Alfred Grima u Project Green, fejn dawn qablu li jassistu lill-kunsill fir-rinovar ta' parti mill-ġnien fiż-żona ta' l-Erba Imwieżeb. Proġett li jinkorpora apparat li jintuża mit-tfal. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-Kunsillier Alfred Bray biex il-kunsill japprova li;

a. Isiru x-xogħolijiet kif indikati fil-pjanti ta' Project Green li kien għadu kif ippreżenta.
b. Il-ġnien kollu jissemma, "*Ġnien Kacey Sciberras*"

Il-kunsill approva nem.con u li jintuża konkrit mill-anqas.

**Innovazzjoni Diġitali għal-Kulhadd**

TCTC ressqet proposta finanzjarja biex isiru korsijiet ta' tagħlim ta' kif wieħed iħaddem aħjar il-mowbajl, l-internet, midja soċjali, servizzi tal-gvern eċċ. Il-kors huwa immirtat għal anzjani, nisa tad-dar, ħaddiema, adulti u li preferbilment ikunu min 18 il-sena il-fuq. Prezz globali €2,400, massimu 80 parteċipant fejn kull applikant iħallas miżata ta' €5.00.

Il-kunsill approva baġit ta' €3,000, li jinġabru kwotazzjonijiet, li l-eta tal-persuni tkun minn 16 il-sena l-fuq u li possibilment il-lezzjonijiet jinżammu fil-lokalita'. Il-kunsill għandu jara x'possibilita hemm li jsiru fejn kien l-ex ufficċju Servizzi Soċjali, Qawra.

## 72.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

## 72.6 Rapporti/jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti

Ma tressaq l-ebda rapport.

## 72.7 Estensjoni ta' bankini

Il-kunsill approva nem.con li l-estenzjonijiet ta' bankini ndikati fil-pjanti mressqa fit-Toroq San Xmun (ex Malet), Turisti (ex The Geoges Pub) u l-Alka (ex Franks Tavern) jitneħħew għall-fatt li mhux jintużaw għal lis-skop li saru u b'hekk jagħmlu wisgħa għal ipparkjar ta' vetturi. Kien hemm qbil ukoll li l-estenzjoni tal-bankini fi Triq San Pawl (ex Admiral Pub) u Triq il-Maskli (The Tavern) jitneħħew u/jew jitħalla jsir ipparkjar fuqhom kaġun li huma ħwienet take-away.

## 72.8 Ftehim dwar toroq mhux urbani - Measure 4.3

*Triq Ta' Ċampra, parti minn Triq San Pawl Milqi, parti minn Triq Qannotta, Triq bla isem fi Triq is-Sagra Fmilja, limiti Bidnija.*

Filwaqt li l-kunsill huwa favur li Infrastruttura Malta twettaq xogħolijiet ta' titjib f'wiċċ it-toroq indikati aktar il-fuq, jifhem li l-MOU propost għandu jiġi ratifikat biex possibilment jiġi attwatt l-istess kunċett li jitħaddem f'toroq rurali. Għalhekk għanda titressaq rikjesta biex tinżamm laqgħa bejn iż-żewġ partijiet.

## 72.9 Talba biex in-naħla Maltija tiġi ddikjarata bħala l-insett nazzjonali

Il-kunsill huwa favur li n-naħla Maltija tkun protetta u li tiġi dikjarata bħala insett nazzjonali.

**MOU propost dwar il-ħaxix selvaġġ f'toroq mhux urbani**

Il-politika li mexa biha fl-aħħar snin l-kunsill fiż-żoni mhux urbani kienet, li tiġi mħaddma l-aħjar prattika possibbli, fejn il-pjanti slavaġġ jitħallew jikbru u jifjorixxu diment li ma joħolqu l-ebda perikolu u/jew ostakolu. Fl-opinjoni tal-kunsill, dak issuġġerit iżid il-burokrazzija u jxekkel ħidmet il-kunsill. Għaldaqstant, il-kunsill jifhem li kull każ għandu jiġi ttrattat fuq il-mertu tiegħu u għalhekk ma huwiex favur li jiġi ffirmat il-ftehim propost.

## 72.10 Affarijiet Oħra

Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss.

.

**72.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizz**

***Ħarġa għal anzjani***

Is-Sindku Alfred Grima ssekondat mill-Kunsilliera Antoinette Bezzina ippropona li l-kunsill jissussidja b'€5 il-prezz ta'€10.00 tal-ħarġa għal anzjani b'ID fuq il-lokalita li se tinżamm fid-19 ta'Jannar 2024 u li jagħmel tajjeb ukoll għat-trasport.
Il-kunsill approva nem.con.

**72.12 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti Nru 11**

Il-Kunsilliera Anthony Angelo Attard u Mario Joseph Salerno ipproponew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata. Il-kunsill approva nem.con.

**72.13 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-6.00pm u aġġornata għall-Ħamis 18 ta' Jannar, 2024 fil-5.30pm

**Approvati fit-18 ta' Jannar, 2024**

**IFFIRMATI**

________________________

Alfred Grima
Sindku

**IFFIRMATI**

____________________________

Marico Sammut
Segretarju Eżekuttiv